

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDEZZJONIJIET

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-25 ta' Lulju 2019

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Malta**

**(BĊE/2019/24)**

(2019/C 283/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni attwali tal-Bank Ċentrali ta' Malta, PricewaterhouseCoopers, intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2018. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2019.
- (3) Il-Bank Ċentrali ta' Malta għażel lil KPMG bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2019 sa 2025,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat illi KPMG għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Malta għas-snin finanzjarji 2019 sa 2025.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Lulju 2019.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

---